Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke**

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/2021

**It-Tlieta 9 ta' Frar, 2021**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fit-8:30 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Darren Sciberras – Il-Perit ta' db Group

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 03.1 Il-proġett tad-db City Centre.

03.1.1 Is-Sindku Dean Hili stieden lill-Perit Darren Sciberras biex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu lill-Kunsill dwar il-proġett propost minn db Group – City Centre.

03.1.2 Il-Perit Sciberras ippreżenta preżentazzjoni dwar il-proġett b'analażi dwar kif kien ġie approvat il-proġett, it-tibdil propost li sar wara u kif eventwalment qed jintalab li jingħata l-permess.

03.1.3 Il-membri tal-Kunsill ressqu l-kummenti tagħhom u staqsew diversi mistoqsijiet lill-Perit Sciberras, li minnaħa tiegħu wieġeb għall-kull mistoqsija għas-sodisfazzjon tal-membri preżenti. Wara l-Perit irringrazzja lill-Kunsill tal-opportunita l'ingħaatw u ħalla l-kamra.

03.1.4 Il-membri qablu li jieqfu ftit biex jiddibattu internament u l-laqgħa ġiet sospiża fid-9:40am.

03.1.5 Il-laqgħa tkompliet fl-10:30am.

03.1.6 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg introduċa s-suġġett lill-membri billi rimarka li l-Kunsill Lokali Pembroke ma jistax jidaprtixxi mill-fatt li n-North Harbour Local Plan (NHLP) approvat lura fit-3 ta' Awwissu 2006 jistabbilixxi li ż-żona fejn qed jiġi propost l-iżvilupp tal-lukanda u l-faċilitajiet anċillari inkluż il-flattijiet jinsabu fiż-żona taħt il-policies ta' Paceville, inkjluż li ta' min jinnota li mill-iżvilupp kollu, il-parti fejn ser isir l-underground carpark biss, taqa' taħt il-policies li jikkonċernaw Pembroke. Il-kelliem fakkar ukoll li l-istess policies li jikkonċernaw l-area tal-lukanda, in-NHLP jispeċifika li hija żona li tippermetti żvilupp ta' lukandi ġodda u żona bi prijorità għad-divertiment. Il-kelliem żied li għalhekk il-Kunsill huwa mistenni minnu li meta qed jgħaddi rimarki u kummenti fuq il-proġett propost, il-Kunsill irid jara kollox fil-perspettiva tar-regolamenti tal-ġurnata maħruġa mill-PA u mhux għall-opinjoni suġġettiva personali dwar estetika biss. Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill għall-osservazzjonijiet preċedenti tal-Kunsill li kienu saru fil-laqgħa **Minuti 07/K8/2020 - 07.2.14 u fil-korrispondenza 46/2399/20/O/71/386,** fejn il-Kunsill kien irrikonoxxa l-merti tal-iżviluppatur fejn fost diversi azzjonijiet kien hemm li żdied bil-bosta l-ispazju pubbliku, li l-binja skedata tal-ITS mhux ser tintmiss għajr għal xi alterazzjonijiet u restawr, l-uffiċini li kienu ġew proposta tneħħew kollha mill-iżvilupp, bħal ma tneħħew il-Casino u s-swali tat-tiġijiet, it-torri kien naqas fl-għoli tiegħu b'numru ta' sulari, u li l-parkeġġ ser ikun suffiċjenti għas-servizzi tal-lukanda u l-appartamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li f'Ġunju 2020. Nonistante il-Kunsill lura fis-sena 2020 kien għad kellu oġġezzjoni peress li kien tal-opinjoni li jidher ċar aktar minn qatt qabel li l-iżviluppatur għad għandu f'moħħu jibni 'a landmark building', u li b'din huwa qiegħed jifhem li għandu jibni l-akbar u l-aktar struttura prominenti fil-pajjiż kif ukoll dwar l-iżvilupp tal-mina. Dwar l-iżvilupp tal-mina il-kelliem fakkar lill-Kunsill li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien irrikonoxxa l-bżonn ta' mina kif proposta minn IM, li tgħaqqad l-akwata ta' San Patrizju dierttament ma' Triq San Ġorġ, u għalhekk issa dik ir-riserva kienet ġiet sorvolata. Il-kelliem għalhekk

irrimarka lill-Kunsill, li dak li huwa mistenni mill-Kunsill huwa li jieħu pożizzjoni, u dan fid-dawl tal-aħħar tibdil propost, jiġifieri jekk l-aħħar riserva li kellu l-Kunsill hijiex qed tiġi indirizzata jew le u għalhekk ma fadalx oġġezzjonijiet x'jiġu indirizzata fuq il-proġett.

03.1.7 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li fid-dawl li l-oġġezzjonijiet kollha ġew indirizzata wara pressjoni li saret mill-Kunsill, jirriżulta li ma fadalx punti t'oġġezzjoni għajr dwar il-kobor tal-proġett. Il-kelliem żied li fid-dawl li l-art mhix verġni u l-art titlob li jkun hemm xi żvilupp, inkluż li l-Kunsill m'għadx fadalu punti x'joġġezzjona ma jarax li l-Kunsill għandu bażi fuq xiex jista' jibni argumenti biex joġezzjona għall-iżvilupp kif propost.

03.1.8 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat irrimarkat li filwaqt li taqbel mal-punti elenkata mill-Viċi Sindku Omar Elaref Arab, il-Kunsill għandu jirrikonoxxi t-tibdil li sar, iżda l-proġett jibqa' li hu, u l-Kunsill iridu jieħu nota tal-opinjonijiet tar-residenti.

03.1.9 Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrimarka li l-proġett fih innifsu jibqa' jidher massiv kif kien jidher sa mill-bidu nett, għalkemm huwa minnu li l-iżviluppatur sema mill-ħafna oġġezzjonijiet tal-Kunsill, imma jibqa' l-fatt li l-proġett huwa massiv u huwa qrib ħafna ż-żona residenzjali minkejja li s-sit huwa dettat għal żvilupp turistiku. Il-kelliem irrimarka li huwa jibqa' jemmen li fl-interess tar-residenti li l-Kunsill m'għandux imur favur il-proġett.

03.1.10 Il-Kunsillier Charles Cesare irrimarka li huwa jaqbel perfettament mal-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab, għalkemm jaqbel ukoll mal-kummenti tal-Kunsillier Raymond Lanzon. Il-kelliem irrimarka li l-proġett huwa massiv imma s-sit huwa indikat proġett bir-regolamenti tal-FAR u jista' jinkludi lukanda. Il-kelliem żied li mela l-Kunsill oġezzjona fl-ewwel fażi, l-iżviluppatur għoġbu jindirizza l-oġġezzjonijeit tal-Kunsill u għalkemm l-iżvilupp huwa massiv speċjalment minħabba r-residenti, fil-verita, l-Kunsill irid jinnota li l-iżviluppatur għamel l-għalmu tiegħu kollu biex jindirizza u jakkomoda l-punti li qajjem il-Kunsill kif fil-fatt għamel.

03.1.11 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-Kunsill jirrikonoxxi l-fatt li s-sit huwa destinat għal-FAR, u li d-deċiżjonijiet iridu jittieħdu skond il-policies tallum, u l-għażla mhux jekk jinbeniex dak propost jew xejn. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill irid jara jekk dan il-proġett huwiex aħjar jew le. Il-kelliem żied li kien il-fatt li l-proġett beda bil-wisq u kieku kien propost kif inhuwa illum wisq propabbli l-oġġezzjonijiet kienu jkunu ħafna anqas. Dan peress li skond il-kelliem, kienu ftit li xejn in-nies li riduh kif propost għax kien kbir f'kull kuntest, apparti li jinsab fil-periferija ta' lokal residenzjali u lokal ieħor li mhux daqstant għandu residneti fil-viċin. Il-kelliem żied li xogħol il-Kunsill huwa li jiġbor il-fehma kemm jista' ikun wiesa kemm tal-membri tal-Kunsill kif ukoll tar-residneti. Is-Sindku Dean Hili żied li ġaladarba l-Kunsill gġandu quddiem proposta dwar proġett bl-FAR, id-deċiżjoni iddur dwar jekk dan il-progett jistax ikun ahjar, jekk l-iżviluppatur jirrinunzja minn dan il-proġett, żviluppatur ieħor ser jagħmel aħjar? Il-kelliem inista li l-Kunsill għandu jagħmel l-għalmu tiegħu biex ifihem lin-nies il-kunċett tal-FAR u n-nuqqas fil-volum hemm fl-iżvilupp propost. Żied li l-Kunsill tkellem ħafna fuq Triq Pietru Darmenia u l-blank walls tal-parkeġġ faċċata tar-residenti, u irid ikun il-Kunsill li jispjega il-miljorament li kien hemm biex jitnaqqas l-impatt u l-Kunsill għandu jieħu mertu ta' dan.

03.1.12 Wara diskussjoni li kien hemm, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jagħmel rappreżentazzjoni b'oġġezzjoni relatata mad-densita talproġett u dan sabiex tirrifletti l-inkwiet primarju dwar l-ammont ta' bini u d-densita tal-attivita' li ser jiġġenera l-proġett dwar liema punt il-Kunsill kien konsistenti sa mill-ewwel stqarrija li għamel dan filwaqt li jirrikonoxxi t-tibdil u l-ammiljoramenti kollha li saru matul is-snin li għaddew b'diskussjonijiet mal-iżviluppatur. Il-kelliem żied li l-Kunsill għandu jagħmel rappreżentazzjoni fil-qosor dwar dawn il-punti u li għandu ukoll joħroġ stqarrija għall-istampa fejn jagħmel ċar il-pożizzjoni tiegħu bl-intenzjoni li l-fehmiet kollha tal-membri tal-Kunsill ikunu rappreżentati fit-totalita tagħhom. Dan sabiex jiġi evitat li l-Kunsill u d-diskussjonijiet maturi u dettaljati li kellu mal-iżviluppatur jiġu ridotti għal headlines u click bait.

03.1.13 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.1.14 Il-mozzjoni għaddiet għall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Kunsillier Raymond Lanzon, il-Kunsillier Désirée Vella Brincat u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw faur filwaqt li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ivvota kontra.

03.1.15 Il-mozzjoni ghaddiet.

03.1.16 Il-laqgħa ntemmet fil-11:15am u ġiet aġġornata għal Ħamis 25 ta' Frar 2021 fil-5:00pm.

**Konfermati, illum 25 ta' Frar, 2021**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**